Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/53

8.1.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/53

tas-6 ta' Jannar 2026

li tirrikonoxxi li r-rapport ippreżentat mis-Slovakkja skont l-Artikolu 31(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fih data akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ u tas-sorgu f'dak l-Istat Membru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 teżiġi li l-bijokarburanti, il-bijolikwidi, u l-karburanti mill-bijomassa jiffrankaw emissjonijiet sinifikanti tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-karburanti fossili biex ikunu jistgħu jingħaddu ħalli jintlaħqu l-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva. Għal dak il-fini, l-Artikolu 29(10) ta' dik id-Direttiva jistabbilixxi livelli limitu speċifiċi tal-iffrankar tal-emissjonijiet għal dawk il-karburanti, u l-Artikolu 31 jirregola kif irid jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tagħhom. Meta jsiru dawk il-kalkoli, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti stipulati fl-Annessi V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Minflok il-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-materja prima agrikola, jistgħu jintużaw il-valuri tipiċi f'ċerti kundizzjonijiet. Dawk il-valuri tipiċi, li jirrappreżentaw il-valur medju f'żona speċifika, jistgħu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi. Il-valuri tipiċi jistgħu jintużaw biss jekk il-Kummissjoni tirrikonoxxihom bħala akkurati.

(2) L-Artikolu 31(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jippermetti lill-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni rapporti li jinkludu tagħrif dwar l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola taż-żoni fit-territorju tagħhom ikklassifikati bħala livell 2 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) jew bħala livell NUTS iktar diżaggregat, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/478 ([3]), il-Kummissjoni rrikonoxxiet li r-rapport li ppreżentatilha s-Slovakkja kien fih data akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-lift u tal-qamħirrum prodotti tipikament fir-reġjuni NUTS 2 fis-Slovakkja.

(4) Fit-2 ta' April 2025, is-Slovakkja ppreżentat lill-Kummissjoni rapport addizzjonali bid-data għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ u tas-sorgu prodotti tipikament f'żoni fit-territorju tagħha kklassifikati bħala livell 3 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika. Is-Slovakkja talbet li d-data tiġi rikonoxxuta bħala akkurata f'konformità mal-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(5) Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapport u sabet li fih data akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ u tas-sorgu prodotti tipikament fir-reġjuni NUTS 3 fis-Slovakkja.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/478 tat-12 ta' Marzu 2025 li tirrikonoxxi li r-rapport ippreżentat mis-Slovakkja skont l-Artikolu 31(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fih data preċiża għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-lift u tal-ħbub tal-qamħirrum f'dak l-Istat Membru (ĠU L, 2025/478, 13.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/478/oj).

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, il-Bijolikwidi u l-Karburanti mill-Bijomassa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rapport ippreżentat mis-Slovakkja fit-2 ta' April 2025 għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni fih data akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ u tas-sorgu prodotti tipikament fir-reġjuni NUTS 3 fis-Slovakkja. Is-sommarju tad-data tar-rapport hu stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Jekk id-data li hemm fir-rapport, kif ippreżentat fit-2 ta' April 2025 għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni, tinbidel b'mod li jaf jaffettwa l-akkuratezza tad-data u b'hekk il-bażi ta' din id-Deċiżjoni, is-Slovakkja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'tali bidliet minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bidliet innotifikati biex tiddetermina jekk ir-rapport ikunx għadu jipprovdi d-data akkurata li għaliha huwa rikonoxxut.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tieqaf tapplika fit-28 ta' Jannar 2031.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-qamħ fis-Slovakkja għar-reġjuni NUTS-3 (kg CO_2eq/t ta' qamħ maħsud fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SK010	Bratislava	83,07	5,37	107,15	17,83	5,43	72,47	13,72	305,07
SK021	Trnava	77,31	5,44	93,73	15,03	3,39	62,86	11,91	269,66
SK022	Trenčín	115,90	20,56	94,44	17,34	3,54	66,58	12,62	330,98
SK023	Nitra	89,84	5,39	105,03	16,85	3,67	61,22	11,60	284,60
SK031	Žilina	213,26	22,81	97,35	17,80	4,01	73,71	13,98	442,93
SK032	Banská Bystrica	125,80	14,97	114,72	20,45	3,86	81,54	15,48	376,81
SK041	Prešov	210,13	44,42	102,25	19,05	4,70	86,05	16,34	482,94
SK042	Košice	112,15	11,88	108,78	19,16	4,55	72,49	13,75	342,76

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tas-sorgu fis-Slovakkja għar-reġjuni NUTS-3 (kg CO_2eq/t ta' sorgu maħsud fuq il-bażi tal-materja niexfa)

Ir-reġjun NUTS 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003		N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
SK010	Bratislava	76,46	8,05	39,47	7,07	9,45	118,85	0,91	260,26
SK021	Trnava	90,17	8,32	85,27	15,22	9,15	129,92	1,02	339,06
SK022	Trenčín	64,20	13,41	27,54	5,88	7,82	95,75	0,67	215,27
SK023	Nitra	75,15	6,24	74,56	13,51	9,52	142,15	1,15	322,28
SK031	Žilina								
SK032	Banská Bystrica	209,70	22,21	122,89	24,65	11,98	167,48	1,41	560,32
SK041	Prešov	223,82	47,96	63,82	12,52	7,29	123,26	0,95	579,62
SK042	Košice	237,22	9,21	75,32	14,09	17,87	184,80	1,59	540,10